

## DEĊIJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 185/2012

tat-28 ta' Settembru 2012

**li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE**

**IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,**

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa l-quddiem "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XX għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 152/2012 tas-26 ta' Lulju 2012 (¹).
  
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010 tad-9 ta' Lulju 2010 dwar l-approvazzjoni ta' għoddha simplifikata żviluppata mill-organizzazzjoni Ewropea għas-sigurtà tan-navigazzjoni bl-ajru (Eurocontrol) sabiex tistima l-konsum tal-fjuwil ta' ċerti operaturi tal-ingħenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi (²) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

**ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:**

### Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 21apd (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/638/UE) tal-Anness XX għall-Ftehim:

"21ape. **32010 R 0606:** Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 606/2010 tad-9 ta' Lulju 2010 dwar

l-approvazzjoni ta' għoddha simplifikata żviluppata mill-organizzazzjoni Ewropea għas-sigurtà tan-navigazzjoni bl-ajru (Eurocontrol) sabiex tistima l-konsum tal-fjuwil ta' ċerti operaturi tal-ingħenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi (ĠU L 175, 10.7.2010, p. 25)."

### Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 606/2010 bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

### Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2012, dment li n-notifikasi kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (\*).

### Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqqima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' miegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

**Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE**

Il-President

Atle LEIKVOLL

<sup>(1)</sup> ĠU L 309, 8.11.2012, p. 38.

<sup>(2)</sup> ĠU L 175, 10.7.2010, p. 25.

<sup>(\*)</sup> L-ebda rekwiżiti kostituzzjonal ma huma indikati.